# Xogħol il-Mostin fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann



kitba ta' **Louis VASSALLO**

Il-Belt Valletta hija ġawhra ta' wirt imprezzabbli. Il-Belt Kapitali tagħna l-Maltin hija mogħnija b'taħlita unika ta' fortifikazzjonijiet u arkitettura tassew eleganti li hi ddominata l-aktar mill-istil barokk. Il-proġett ta' din il-belt sewa mat-tliet miljun u nofs skudi u ħadmu fuqu mad-disat elef ruħ! Kien il-Gran Mastru Jean Parisot de La Vallette li twebbel li jibni belt-fortizza ġdida fuq l-għolja Xebb-ir-ras, imwennsa bejn żewġ portijiet li jħaddnuha. Il-Belt telgħet fi żmien qasir u ngħatat l-isem għall-fundatur tagħha. Fuqha ttellgħu katidrali, knejjes, palazzi, bereġ u bosta residenzi privati. Kienu mhux ftit dawk il-periti, inġiniera, artisti u nies tas-sengħa minn kull rokna tal-gżejjer Maltin u ta' l-Ewropa, li lkoll stinkaw biex sebbħu u żejnu 'l din il-belt mill-aħjar li jafu.

## Kwartier Reliġjuż

Bla dubju, l-aktar entità artistika ta' importanza strateġika li tinsab issaltan fil-belt kapitali hija l-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Għal mitejn sena kienet il-knisja konventwali ta' l-Ordni tal-Kavallieri Ospitalieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Mill-gallerija ewlenija ta' San Ġwann kienet titħabbar l-elezzjoni tal-Gran Mastru lill-poplu. Dan it-tempju kien il-kwartier ġenerali reliġjuż ta' l-Ordni. Kien għalhekk li kull Gran Mastru amar li jintefqu flejjes kbar biex jagħnuh bl-isbaħ opri artistiċi. Riedu li fl-okkażjonijiet statali tkun tidher bħala binja rikka li tiġbed is-seħer ta' kulmin jammiraha! Il-pjanta ħażżiżha l-Malti Ġilormu Cassar fis-sena 1573 u telgħet bi flus il-Gran Mastru Fra Jean l'Evesque de La Cassiere. Imma kienet il-ħila tal-pittur Kalabriż Mattia Preti li mhux biss pitter is-saqaf, iżda mexxa ż-żidiet ornamentali li tant żejnu lil dan it-tempju famuż. Kulmin jixref fil-bieb prinċipali jibqa' maħsud b'dak il-ġmiel ta' paviment tul il-korsija. Il-qiegħa hija miksija b'400 lapida nterzjati fl-irħam. Taħthom hemm midfunin kavallieri, gran mastri, isqfijiet, kappillani u prijuri ta' l-Ordni li jfakkru l-aristokrazija tas-sekli 16, 17 u 18. Fuq waħda minnhom tolqotna skrizzjoni bil-latin: "***Qui me calcas calcaberis***" li bil-Malti tfisser: "*Inti li qed tirfes fuqi, ħaddieħor għad jirfes fuqek*"!



*M'hemm l-ebda belt oħra fil-Mediterran li toffri għadd kbir ta' l-inħawi u postijiet ta' interess li jinsabu mifruxa fuq biċċa art ċkejkna fid-daqs, bħalma hi l-Belt Valletta.*
*(materjal provdut mill-Malta Tourism Authority).*

## Tmien Kappelli

Il-knisja konventwali hi mqassma fi tmien kappelli, waħda għal kull lingwa li jsenslu s-salib ta' l-Ordni. Dawn il-kappelli huma mogħnija b'għadd ta' opri ta' l-arti tassew sbieħ li ħarġu minn taħt idejn imħarrġa ta' artisti Maltin u barranin.

Diversi kwadri ta' qaddisin u monumenti għall-unur tal-Gran Mastri, fost oħrajn, huma l-qofol artistiku li nilmħu f'kull kappella. Barra minn dan, nosservaw għadd ta' oġġetti ta' preġju bħal ngħidu aħna, salib Biżantin miġjub minn Rodi u xogħol tal-fidda li juri l-




*Fil-Belt Valletta nsibu żewġ Katidrali. wieħed hu magħruf bħala l-Kon-Katidral ta' San Ġwann mibni mill-Ordni tal-Kavallieri, waqt li l-ieħor hu mibni bejn l-1838 u l-1844. Il-Katidral PRO-ANGLIKAN ta' San Pawl kien inbena biex jaqdi d-doveri spiritwali ta' ħafna mir-reġimenti Ingliżi, stazzjonati f'Malta. Ta' min jgħid li dan il-Katidral ġie mibni fl-istess lok fejn darba kien hemm il-Berġa tal-Ġermanja u li twaqqgħet biex flokha tela' dan il-maqdes tal-Protestanti. Il-pjanta oriġinali ħażżiżha l-arkitett Lancashire, imma bosta mill-proġett ħa ħsiebu l-arkitett tan-Navy Ingliża William Scamp. Il-Katidral ġie kkonsagrat mill-Isqof ta' Ġibiltà, Rev. George Tomlison, fl-1 ta' Novembru 1844 u sewa n-nefqa ta' £20,000.*
*(kartolina pubbliċitarja)*



Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann hu monument kolossali li jiġbor fih xogħlijiet ta' l-għaġeb. Hu l-akbar entità artistika ta' importanza strateġika li tinsab fil-Belt Kapitali tagħna.
(kartolina pubbliċitarja)

Madonna bil-Bambin, aktar magħrufa bħala "Ta' Carafa".

L-idea li tingħata għal dejjem kappella lil kull lingwa ta' l-Ordni, kienet kollha kemm hija tat-twajjeb u ġeneruż Gran Mastru La Cassiere. Ta' kull sena kull lingwa kienet torganizza l-festa tal-patrun tagħha. Kienu jsiru funzjonijiet mill-Kleru tal-Lingwa u fost ħafna persuni distinti, kien ikun preżenti l-Gran Mastru nnifsu.

## Ġunju 1798

Qabel is-serqa l-kbira ta' Napuljun fl-1798, il-Kappelli tal-Lingwi kellhom ferm iżjed relikwi u ornamenti maħdumin minn deheb, fidda u ħaġar mill-ifjen. Ftit jiem wara li Napuljun Bonaparti ħataf dawn il-gżejjer, ħareġ ordni fit-13 ta' Ġunju 1798 li fiha għarraf lill-Ġeneral Berthier: "Għandek tagħti l-amar liċ-ċittadini Monge u Berthollet li jagħmlu żjara tal-Flus u tat-Teżor lill-Knisja ta' San Ġwann u ta' imkejjen oħra fejn jista' jkun hemm ħwejjeġ prezzjużi". Art. 1. "Iċ-ċittadini Berthollet, il-kontrollur ta' l-Armata, u skrivan tal-bank jieħu d-deheb, il-fidda u ħaġar prezzjuż li jsibu fil-Knisja ta' San Ġwann u imkejjen oħrajn ta' l-Ordni ta' Malta u l-fided kollha tal-Bereġ u tal-Gran Mastru". Hu mifhum tajjeb u bix-xhieda ta' dawk preżenti, li meta Napuljun seraq huwa stess ċurkett li kellu djamant ta' ħxuna speċjali bejn żewġ brillanti, instema' jgħid wara li libsu f'sebgħu: "Hawn joqgħod aħjar". Dan iċ-ċurkett kien irregalah il-Pirjol Piccolomini fil-Milied ta' l-1759.



Din il-binja barokka, imżejna bl-arazzi famużi, issaħħar lil kull viżitatur li jixref mill-bieb 'il ġewwa ta' dan it-tempju. "Din hi l-aktar knisja meraviljuża li qatt rajt f'ħajti" - hekk kien stqarr Sir Walter Scott, meta ġie Malta fl-1831 u żar il-Kon-Katidral ta' San Ġwann.
(kartolina pubbliċitarja)

## Il-Lingwa ta' Franza

Il-kappella tal-Lingwa ta' Franza hija ddedikata lill-Konverżjoni ta' Missierna San Pawl. Din tinsab fil-ġenb, in-naħa tal-lemin tal-Kon-Katidral. Il-kwadru ewlieni pittru Mattia Preti fl-1666. Bħall-oħrajn kollha, din il-kappella kellha wkoll il-fided tagħha li minnhom ma baqa' xejn! L-altar oriġinali li kien ta' Melchiore Gafà, illum aktarx jinsab fil-kripta ta' taħt l-oratorju. F'dak li jikkonċerna l-iskultura, l-induratura u l-opri l-oħra ta' l-arti ta' din il-kappella, kien sar tibdil drastiku. Fortunatament, il-pilastri maġġuri li fuqhom tistrieħ l-arkata tal-korsija, bil-kontra-pilastri u l-lunetti ta' fuqhom, kif ukoll is-saqaf tal-kappella sal-gwarniċun ta' fuq, għadhom kif saru oriġinarjament fi żmien l-Ordni.

## Xogħol il-Mosti

Fl-1836, il-Gvern Ingliż kien qabbad lill-artist Malti Ġużè Hyzler biex jagħmel tibdila radikali fid-dekorazzjoni li ssawwar din il-kappella. Oriġinarjament meta kienet saret l-iskultura fi żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt fl-1624, il-pilastri ta' madwar l-altar



Għal mijiet ta' snin, is-Salib tat-tmien Ponot, kien ifisser is-simbolu ta' ħakma fuq dawn il-gżejjer. Il-Kon-Katidral hu mqassam fi tmien kappelli, waħda għal kull lingwa li jsenslu s-Salib ta' l-Ordni.
(kartolina pubbliċitarja)

kienu ġew installati fuq blokki tal-ġebel imqabbeż 'il barra qisu sħab, fuq sfond ta' sema mżewwaq bil-kwiekeb. Hyzler kien ġej mill-iskola tan-Nazzareni, iddeċieda li jaħsad l-iskultura ta' fuq il-pilastri ta' madwar l-altar. Minflok din l-iskultura li semmejna, inħadmu disinji bassoriljiev, skolpiti fuq materjal abjad b'fond imnaqqax u ndurat bid-deheb. Fi tnejn minnhom, ninnotaw is-simboli tas-sejf u l-lifgħa ta' San Pawl. Għal dan ix-xogħol, kien ġie mqabbad l-iskultur Salvatore Dimech mill-Mosta, magħruf bħala 'is-Sartx'. Ħafna kienu l-artisti u l-kritiċi ta' l-arti li faħħru dan ix-xogħol ta' sengħa kbira mwettaq minn dan il-ġenju Malti.

## Is-Sartx

Salvatore Dimech twieled il-Mosta fis-27 ta' Frar 1804. Huwa kkoltiva l-arti ta' l-iskultura minkejja li kien ġej minn familja ta' bdiewa. Dan ir-raġel tal-kampanja, li mingħajr qatt ma tgħallem, imma mżejjen bid-don li tagħtu l-Providenza, ħareġ skultur tajjeb kemm fix-xogħlijiet ta' l-ornament u kif ukoll f'dawk tal-figura. Minn ragħaj tal-mogħoż sar skultur ta' fama u ġieħ. Fost il-bosta xogħol li għamel Dimech u li jinsab mferrex ma' Malta kollha, insemmu l-istatwa ta' San Girgor Papa li tinsab quddiem il-knisja antika msejħa għall-istess qaddis fiż-Żejtun. Ħadem ukoll l-istatwa ta' San Franġisk fil-Furjana u dik ta' San Pawl li tinsab fuq il-Gżejjer. Is-Sartx kien jiskolpi fl-injam ukoll. Il-vara oriġinali ta' Santa Marija għall-parroċċa tal-Mosta u dik tal-Lunzjata f'Ħal Balzan, huma wirt imprezzabbli li mhux dejjem kien apprezzat. L-aħħar snin ta' ħajtu għaddihom f'numru 117, Triq il-Kbira, Ħal-Lija. Huwa miet fl-għomor ta' 81 sena.

## Monument Partikolari

Fil-kappella tal-Lingwa ta' Franza nsibu erba' monumenti tassew sbieħ. Tnejn minnhom saru b'tifkira taż-żewġ Gran Mastri Alof de Wignacourt u Manoel de Rohan. Dan ta' l-aħħar għandu importanza partikolari għalina l-Mostin. Fil-fatt dan il-monument kien sar fuq disinn tal-Mosti Antonio Mifsud magħruf bħala 'In-Najċi'. Din l-opra, li l-biċċa l-kbira minnha maħduma fl-irħam, tinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-kappella lejn l-altar tagħha. Dan il-monument jikkonsisti f'urna mdaqqsa bil-fdal tal-Gran Mastru u li fuq il-faċċata tagħha naraw l-arma tiegħu. Fuq din l-urna hemm bust tal-bronż li jirrappreżenta lil De Rohan. Dan il-bust hu mserraħ fuq pedestall għoli ta' l-irħam li għandu ġnub ovali interzjati bis-simboli tal-virtù, tal-ġustizzja u tal-karità fost bosta armi u trofej militari. Il-monument jasal fi tmiem sa taħt il-gwarniċun tal-kappella, permezz ta' piramida li tibda minn wara l-bust. Meta kien qed isir it-tibdil li semmejna aktar 'il quddiem, Ġużè Hyzler kien beda jħott il-monument ta' De Rohan. Il-pubbliku Malti pprotesta bis-sħiħ u għalhekk il-monument reġa' tqiegħed kif kien qabel. Din l-opra ta' arti barokka li ħażżeż in-Najċi ġiet salvata fil-ħin propizju qabel għebet darba għal dejjem!



*Il-monument tal-Gran Mastru Manoel De Rohan kien sar fuq disinn tal-Mosti Antonio Mifsud magħruf bħala 'In-Najċi' - (1760-1830). (parti minn kartolina pubbliċitarja)*

## In-Najċi

Antonio Mifsud (1760-1830) kien modellatur u dilettant tal-kartapesta. Dan l-artist Mosti hu meqjus bħala l-istatwarju li ppolarizza t-teknika tal-kartapesta f'pajjiżna. Bejn l-1824 u l-1826 ħadem xi vari għal Ħaż-Żebbuġ. Għall-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fir-Rabat ħadem tliet vari tal-Passjoni. Xi wħud huma tal-fehma, illi xi vari f'Ta' Ġieżu tal-Belt Valletta huma xogħlu wkoll. Ħallielna diversi mudelli ta' statwi u monumenti. Il-mafkar ta' Sir Joseph Nicholas Zammit li jinsab fil-Barrakka ta' Fuq fil-Belt, hu xogħol ta' preġju kbir li ħareġ minn taħt l-idejn imħarrġa tan-Najċi. Lejn l-aħħar tax-xahar t'April 2004, dan il-monument reġa' kiseb is-sbuħija li kellu oriġinarjament wara li sarlu restawr xieraq bħala parti mix-xogħol ta' tisbiħ li twettaq f'dan il-ġnien popolari fil-qalba tal-Belt kapitali.

## It-Tiġrib Uman

Lejn tmiem is-seklu l-ieħor, l-istudjużi u l-kittieba ta' l-istorja ta' ġensna ma baqgħux jiffukaw l-istudji tagħhom biss fuq fatti storiċi u personaġġi magħrufa. Għax it-tiġrib uman li jgħaddi minnu l-bniedem tat-triq, dak kollu għandu s-siwi importanti tiegħu. Kull ġenerazzjoni għandha tkun informata tajjeb dwar it-tnissil u l-evoluzzjoni tagħha. B'hekk biss tkun tista' tħossha kburija bl-oriġini tagħha. Il-kittieba ta' żmienna li jirrakkuntaw in-nisġa ta' ħajjiet il-poplu Malti u Għawdxi jgħidulna li wara r-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, il-Kavallieri ġabu sens ta' sigurtà billi bnew jew saħħew il-fortifikazzjonijiet. B'hekk, il-periklu ta' xi attakk Tork fuq xtutna, sar minimu ħafna jekk mhux impossibbli!

## Numru ta' Mostin

Minbarra x-xogħol tar-raba', il-Mostin ta' dari kienu magħrufin sewwa għas-sengħa tal-bini. Fi żmien l-Ordni pajjiżna ra żieda qawwija f'dan is-settur. Il-proġetti ta' swar ġodda, fortizzi. torrijiet, knejjes, palazzi u djar madwar l-inħawi tal-port, qanqlu lill-għadd ta' Mostin biex ifittxu x-xogħol lejn dik ix-xaqliba tal-gżira. Il-Belt Valletta ġibdet lejha nies mill-irħula, fosthom numru ta' Mostin biex jaqilgħu l-ħobżna ta' kuljum u jassiguraw futur aħjar għall-familji tagħhom. In-nies ta' l-irħula kienu sabu r-refuġju tagħhom f'dik in-naħa magħrufa bħal 'il-Mandraġġ'. Imma ġara li fl-1666, in-nies tal-



Bosta bdiewa Mostin u l-familji tagħhom, imħarrġin ukoll fis-sengħa tal-bini, taw is-sehem tagħhom fil-qasam ta' l-infrastruttura biex setgħu jinbnew diversi binjiet importanti li sawwru u sebbħu l-Belt Umilissima.
(Valletta History and Elegance - 2000 / ritratt: Louis Vassallo)

kampanja ma tħallewx aktar imorru jgħixu fil-Belt minħabba li beda jaħkem kull għamla ta' mard u ħmieġ.

## Is-Sengħa tal-Bini

L-irġiel ulied il-bdiewa, fosthom Mostin mgħallmin tas-sengħa tal-bini, taw is-sehem utli tagħhom biex setgħu jitwettqu b'suċċess diversi proġetti kbar ta' l-infrastruttura. Sabiex twettqet il-ħolma tal-Gran Mastru La Cassiere, l-arkitett Ġilormu Cassar żgur li kellu bżonn l-għajnuna sfiqa ta' dawn ir-raħlin. M'hemmx dubju, li numru minn dawn il-bennejja, ħadmu xogħol ta' kapaċità kbira fil-Knisja Konventwali. Għalkemm ma teżisti l-ebda lapida minn fost il-mijiet li jinsabu fil-qiegħa tal-Kon-Katidral, dawn in-nies, ulied il-ħaddiem ġwejjed, żgur li jisthoqqilhom l-apprezzament tagħna lkoll, għall-kapaċità u l-bżulija li wrew!

## Restawr Xieraq

L-arkitett Ġilormu Cassar kellu rieda qawwija li jibni knisja ta' ġmiel u żina. Mhux għax hu xtaq jogħġob lill-Gran Mastru jew għax xtaq ikabbar ismu, daqskemm għax bħala Malti ħass li kellu d-dmir li l-Belt ta' Art Twelidu tkun mogħnija bi knisja ta' l-għaġeb li quddiemha, il-barrani jkollu jbaxxi rasu. Meta l-kittieb magħruf Ingliż Sir Walter Scott ġie Malta fl-1831 u żar il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, tenna li dik kienet l-aktar knisja meraviljuża li qatt ra f'ħajtu! Imma ż-żmien jgħaddi minn fuq kulħadd u jaf iħalli warajh il-marki koroh tiegħu. Tul dawn l-erba' sekli li ilha ssaltan, il-knisja konventwali ta' l-Ordni, esposta għall-elementi tan-natura fejn l-infieħ ta' l-irjieħ u d-dħaħen tal-karozzi ma naqsux, għenu mhux ftit biex partijiet minnha jittieklu għal kollox. Tul is-snin, il-gvernijiet ta' Malta dejjem ħassew il-ħtieġa li jħarrsu kif inhu xieraq dan il-patrimonju nazzjonali. Kienu l-Kavallieri infushom li fil-baġit annwali ta' l-Ordni, il-manutenzjoni ta' San Ġwann kienet tieħu l-ewwel post. Imma kellha tkun is-sena 1989, li fiha jinbeda x-xogħol bis-serjetà biex jiġi rrestawrat min-naħa ta' barra l-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

## Kumpanija Mostija

Il-kuntratt ingħata lill-Kumpanija *Vassallo Builders* tal-Mosta għall-esperjenza li għandha f'dan is-settur, l-aktar wara li kienet temmet b'suċċess ir-restawr fuq il-Katidral ta' l-Imdina. Nhar it-22 ta' Frar 1989, beda jintrama qafas ġgantesk ta' l-iskaffolding mal-faċċata ta' San Ġwann taħt it-treġija ta' l-imgħallem Mosti Joe Falzon. Ix-xogħol li twettaq kien wieħed maħsub sewwa u maħdum bil-għaqal.

Ġiet riservata ħafna mill-ġebla oriġinali. Inbidel biss fejn id-deterjorazzjoni laħqet livelli li l-ħsara kienet impossibbli li tiġi rkuprata. Għal aktar minn sena, il-ħaddiema li wħud minnhom kienu Mostin, wettqu xogħol fuq il-kampnari, il-faċċata u fuq is-soqfa ta' l-Oratorju u tal-Kon-Katidral. Ingħata l-membrejn fuq il-kampnari u kull fejn kien meħtieġ, biex jiġi assigurat li dan it-tempju jiġi mħares mill-perikli li jikkaġunaw l-ilma tax-xita. Fil-blokk amministrattiv li jagħmel parti mill-kumpless ta' San Ġwann, sar xogħol fuq bibien u twieqi ġodda u ngħatat attenzjoni fuq is-sistema ta' sigurtà.



Ħaddiema tal-Kumpanija Vassallo Builders tal-Mosta qegħdin jgħabbu l-qanpiena l-kbira fuq trakk, hekk kif ġiet żarmata mill-kampnar biex seta' jsir ir-restawr meħtieġ fl-1989.
(Ħajr Vassallo Builders Ltd.)

## Il-Qdusija Tiegħu

Nhar it-18 t'Ottubru 1989, il-Ministru responsabbli mix-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Perit Michael Falzon, għamel żjara fuq il-post, fejn kien spjegat lilu, ir-restawr li kien qed isir b'ritmu mexxej. Roger Degiorgio, il-perit li kien responsabbli mix-xogħol imwettaq mill-Kumpanija *Vassallo Builders*, ħadem spalla ma' spalla ma' numru ta' periti oħra, fosthom mal-Perit Edgar Rossignaud. Iċ-*chairman* tal-Kumpanija, il-Mosti Nazzareno Vassallo, kien ta' spiss jitla' l-Belt fejn kien jitħaddet mal-periti u mal-ħaddiema dwar il-problemi li kienu jiltaqgħu magħhom. Iżda mill-kbir saż-żgħir, ħadd minn dawk involuti fil-proġett ma qata' qalbu. U nhar l-24 ta' Marzu 1990, intemm ir-restawr kollu. B'hekk din il-binja barokka kienet tinsab lesta, fil-glorja kollha tagħha biex tilqa' fi ħdanha l-Qdusija Tiegħu, il-Papa Ġwanni Pawlu



*Il-bennejja li ħadmu fuq il-proġett ta' restawr li sar fuq il-bini tal-Kon-Katidral mill-Kumpanija Vassallo Builders, fejn xi wħud minnhom huma Mostin. (Ħajr Vassallo Builders Ltd.)*

II. Meta nhar il-Ġimgħa 28 ta' Mejju 1990, il-Mexxej Universali tal-Knisja Kattolika żar il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, beda d-diskors tiegħu bil-frażi Maltija "Maħbubin Uliedi". Dawk kollha preżenti għal dak il-mument storiku f'dak il-ġmiel uniku, imlibbes u mżejjen bl-arazzi famużi, għexu ħolma reali li ma jinsewha qatt!

## Rikonoxximent

F'dan l-artiklu, li kien il-gost u l-pjaċir tiegħi li nippreżentah lilkom, ma kienx fil-ħsieb ewlieni tiegħi li nistħarreġ bir-reqqa u s-sabar li jixirqilhom it-teżori kbar li jinsabu jsebbħu l-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Għal dan il-mistier hawn studjużi u awturi li lkoll kemm huma esperti aktar minni dwar l-opri imprezzabbli u l-kult li hemm minsuġ magħhom. Ridt biss li nixħet dawl 'ġdid' fuq il-Mostin, kemm dawk ta' dari u kemm dawk ta' żmienna li bl-arti jew bis-sengħa tagħhom, ħabirku huma wkoll biex jigglorifikaw mill-aħjar li setgħu dan it-tempju l-aktar prezzjuż u għażiż minna l-Maltin kollha. Fl-isfond ta' dak kollu li seħħ f'kull żmien u spazju tul il-medda tas-sekli, San Ġwann hu monument kolossali li jiġbor fih xogħlijiet ta' l-għaġeb. U ta' l-għaġeb hu l-fatt, li xogħol il-Mosti jinsab iħokk dahar ma' dahar u miġbur taħt l-istess saqaf ma' bosta opri oħra msawrin minn għadd ta' artisti ta' fama internazzjonali!

**Referenzi**:


1. *Mons. Paolo Buttigieg, TAGĦRIF DWAR IL-KON-KATIDRAL TA' SAN ĠWANN, (Mużew ta' San Ġwann, Malta, 2000).*
2. *Kavallier Joseph Galea, ART TWELIDI, (PEG Pubblications, 1984).*
3. *Michael A. Sant, IL-MOSTA FI ŻMIEN IL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN, (Kunsill Lokali Mosta, 1996).*
4. *Frans Sammut, BONAPARTI F'MALTA, (SKS, 1997).*
5. *Aldo E. Azzopardi, MALTA AND ITS ISLANDS, (Miller Distributors Ltd., 1991).*
6. *VALLETTA, HISTORY AND ELEGANCE, (Souvenir Programme, 1998).*
7. *SOĊJETÀ FILARMONIKA SANTA MARIJA, MOSTA, (Programm tal-Festa 2000)*
8. *SOĊJETÀ FILARMONIKA NICOLÒ ISOUARD, MOSTA, (Programm tal-Festa 1992).*
9. *Ħajr lis-sur Joe Falzon u lis-sur Nazzareno Vassallo ta' l-għajnuna li offrewli biex stajt insawwar din kitbieti.*



EXPRESS WATCH REPAIRER

We sell clocks and watches.
Repairer of all types of clocks
especially Grand Father clocks
Repair guaranteed.



Tel: 21 417 235
Mob: 9984 0431
110, Eucharistic Congress Road, Mosta

QUEEN'S DRY CLEANERS

Certified Professional Dry Cleaner from the International Fabric Institute of America




FREE Collection & Delivery
257, Naxxar Road, B'Kara. Tel: 2149 1188
(opposite Smart Supermarket)
Fort Road, Mosta. Tel: 2143 4184
137, Valley Road, Msida Tel: 2132 2313